MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 334/2008

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Ronald Azzopardi u Karen Zahra**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat it-3 t'Ottubru tas-sena 2008 li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-intimati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' sebat elef, disa' mija u tnejn u ghoxrin Ewro, (€7,922.00) bilanc ghad-debitu ta' *"Loan Accounts"* ta' Ronald

Azzopardi mal-Bank of Valletta p.l.c., (Dok “A1 sa A2”) u liema debitu, l-intimata Karen Zahra ggarantiet flimkien u “in solidum” ma’ Ronald Azzopardi a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Ronald Azzopardi mal-Bank imsemmi, u dan, permezz ta’ kuntratt datat l-4 ta’ Mejju tas-sena 2007, in atti tan-Nutar Dottor Rachelle Farrugia Buhagiar, (Dok. “C”);

2. U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat l-4 ta’ Mejju tas-sena 2007, in atti tan-Nutar Dottor Rachelle Farrugia Buhagiar, (Dok. “C”), u partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-intimati:

a. naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt;

b. kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti;

c. hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess intimat li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti u b’hekk l-intimati ddekadew mill-beneficcu tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa;

3. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati 6 ta’ Mejju tas-sena 2008, (Dok “D” u “E”), kif ukoll tal-Mandati ta’ Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat in-nota responsiva ta’ l-intimati datat l-20 ta’ Jannar tas-sena 2009 li permezz taghha wiegbu s-segwenti:

1. Illi l-kunsens tal-intimati referibbilment ghall-kuntratt tal-4 ta’ Mejju tas-sena 2007 kien vizzjat bi pressjoni, morali inter alia da parti tal-*manager* tal-fergha koncernata tas-socjeta` rikorrenti li kellu l-effett koercittiv tali li l-kunsens tal-intimati gie imminat;

2. Illi in oltre l-kunsens tal-intimati kien ivvizzjat bi zball ta’ fatt, (*error in substantia*), konsegwenza tal-pressjoni morali esercitata fuqhom;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kuntratt citat kien simulat billi mhux il-kaz li gie avvanzat xi kapital lill-intimat Ronald Azzopardi b’titlu ta’ self;

4. Illi minghajr pregudzzju ghall-premess, billi l-kuntratt tal-4 ta’ Mejju tas-sena 2007 sar bhala konsegwenza tal-fatt li certu Philip Zammit kien inganna lill-intimat billi kkonsenjalu *cheque* li safa disonorat wara li s-socjeta` attrici kienet avvanzat l-import ta’ dan ic-*cheque* lill-intimat, l-istess Paul Zammit ghandu jigi kjamat in kawza;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi permezz tax-xhieda guramentata taghhom l-intimati ammettew bla rizervi t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti u dan, nonostante r-risposta kongunta taghhom fuq riferita;

Illi nonostante tali ammissjoni tiehu l-opportunita` tirrilleva li l-persuna indikata mill-intimati biex tigi kjamata in kawza ndikata fl-ahhar linja tal-paragrafu numru 4 tar-risposta taghhom mhix l-istess persuna minnhom stess indikata bhala dik li aggirathom, (ara l-paragrafu numru erbgha (4), linja tnejn (2), tar-risposta ta’ l-intimati, fol 28);

Ikkunsidrat:

Illi in vista ta’ l-ammissjoni ta’ l-intimati tat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, filwaqt li tirrespingi l-istess risposti tal-

intimati fuq indikati, takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, u konsegwentement:

1. Tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat l-4 ta’ Mejju tas-sena 2007, in atti tan-Nutar Dottor Rachelle Farrugia Buhagiar, partikolarment, imma mhux esklussivament dawk ic-cirkostanzi elenkati mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors promotur taghha u li konsegwentement iddekadew mill-beneficcju tat-termini u allura, d-debitu in dizamina sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa;

2. Tikkundanna lill-intimati Ronald Azzopardi u Karen Zahra ihallsu s-somma ta’ sebat elef disa’ mija u tnejn u ghoxrin Ewro, (€7,922.00), lis-socjeta` rikorrenti Bank of Valletta p.l.c., liema ammont hu bilanc ghal debitu li l-intimat Azzopardi kellu mas-socjeta` rikorrenti u li tieghu l-intimata Zahra ggarantiet in solidum favur l-istess socjeta` rikorrenti, u dan, skond l-atti indikati fl-istess rikors promotur;

3. Bl-ispejejz u bl-imghaxijiet legali dovuti mis-6 ta’ Mejju tas-sena 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------